**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 363/2008/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Brian Caruana**

Illum 30 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Brian Caruana**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 58575(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fis-26 ta' Jannar 2006 u matul il-ħames snin ta' qabel din id-data:

1. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni

mahruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-Raba' u tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li jindikaw li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu (iżda limitatament għas-26 ta' Jannar 2006 u mhux għall-ħames snin ta' qabel din id-data) u kkundannatu għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' disa' mitt Euro (€900).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif ġej: (a) tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u safejn tirrigwarda l-ħames snin qabel is-26 ta' Jannar 2006, (b) tħassarha u tirrevokaha għal bqija u tiddikjarah mhux ħati."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Frar 2024 (*a fol.* 233 *et seq.*) din il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Noti ppreżentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fid-9 ta' Mejju 2025 (*a fol.* 279), fil-5 ta' Ġunju 2025 (*a fol.* 278) u fl-14 ta' Lulju 2025 (*a fol.* 284) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fl-14 ta' Lulju 2025 (*a fol.* 280 *et seq.*) fejn fiha l-Qorti ġiet infurmata x'kawżi seta' kellu pendenti l-appellant quddiem il-Qorti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' Mejju 2022.

Illi din il-Qorti tinnota li dan il-każ idur ma' sejba ta' droga fid-dar tal-appellant b'dana illi fis-26 ta' Jannar 2006 il-Pulizija kienu marru d-dar tal-appellant b'mandat ta' arrest. Mix-xiehda tal-eks Spettur Nadia Lanzon jirriżulta li wara ġie arrestat terza persuna huwa kkonferma li kien xtara d-droga mingħand l-appellant. Mogħnija b'din l-informazzjoni, numru ta' Pulizija marru d-dar tal-appellant u għamlu tfittxija fejn, fost affarijiet oħra, sabu disa' (9) pakketti li ġo fihom kien hemm sustanza kannella. L-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti u huwa kkonferma li s-sustanza misjuba kienet eroina u li kienet għal konsum personali tiegħu. Minbarra l-pakketti, il-Pulizija sabu wkoll is-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin (Lm208). Dwar dawn il-flejjes, l-appellant

jispjega li mija u għoxrin lira Maltin (Lm120) kienu tat-tfajla tiegħu personalment, ħamsin lira Maltin (Lm50) kienu pagament għall-vettura tagħha, tmien liri Maltin (Lm8) kienu għax-xirja tal-ġimgħa u l-bqija kienu tiegħu personalment. Eventwalment l-appellant allura imputat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti u ġie akkużat bl-imputazzjoni elenkata aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Aquilina** (Numru 433/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. Għalhekk bħala regola[1] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant

[1] "u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali *entro* l-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża."

> hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[2]"

Illi din l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi tal-elementi rikjesti mil-liġi fir-rigward ta' dak li huwa ġie akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti. Jargumenta li l-provi tal-Prosekuzzjoni ma jlaħħqux il-livell ta' prova rikjest fil-kamp kriminali.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tirrimarka li l-appellant ma jispjegax għalfejn il-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-livell ta' prova mitlub fil-kamp kriminali. Stabbilit dan, din il-Qorti tinnota li l-appellant ġie mixli li kellu fil-pussess tiegħu droga li ma kinitx għal użu esklussiv tiegħu. Ta' min jinnota li fid-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li l-appellant kkonferma li kien fil-pussess ta' droga tant li mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minnu jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 62):

> "Avukat: Dawn l-affarijiet x'kienu u għal xiex kienu għandek?
>
> Xhud: Id-droga li nstabet biex neħodha. L-eroina li sabu biex neħodha."

Illi għandu jiġi stabbilit jekk din id-droga kinitx għal użu esklussiv tal-appellant jew jekk kienx ser jagħmel negozju minnha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tinnota li taqbel mal-analiżi li għamlet l-Ewwel Qorti meta ndikat li ħadd mill-Pulizija ma ndika

[2] "U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali."

li sema lill-appellant jkeċċi lil Peter Paul magħruf bħala l-Giża. Minbarra dan, din il-Qorti hija tal-fehma li l-analiżi li għamlet l-Ewwel Qorti rigward il-flus li nstabu fid-dar tal-appellant hija wkoll korretta. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li l-verżjoni tal-appellant u ċioè li l-parti l-kbira tal-flus kienu tat-tfajla tiegħu ċerta Fiona Pace ma ġietx korroborata mill-istess Fiona Pace. Dan tant huwa hekk li waqt ix-xiehda ta' Fiona Pace mogħtija minnha quddiem l-Ewwel Qorti fl-24 ta' Jannar 2017 hija tgħid hekk (*a fol.* 134):

| | |
|---|---|
| "Qorti: | "Inti meta tgħid li kont tagħmel pagamenti fix-xahar tal-karozza, għal liema qed tgħid? |
| Xhud: | Fuq il-fiesta. |
| Qorti: | Dik fuqek kienet jew fuq missierek? |
| Xhud: | Dik fuq missieri l-karozza. |
| Pros.: | U inti kont tmur tħallas il-pagamenti? |
| Xhud: | Mhux hekk." |

Illi għalhekk il-verżjoni mogħtija mill-appellant li l-flejjes in kwistjoni kienu fil-maġġor parti tagħhom tat-tfajla tiegħu tiġi ferm imxejjna minnha stess.

Illi l-appellant isemmi wkoll li huwa kellu xi flus imġemma mix-xogħol preċedenti iżda ma tressqet l-ebda prova dwar dan. L-analiżi li għamlet l-Ewwel Qorti rigward l-ispiża ta' doża eroina meta mqabbla ma' dak li kien jaqla' l-appellant f'benefiċċji soċjali ma tħallix dubju f'moħħ din il-Qorti li l-appellant kellu bilfors jiffinanzja dan il-vizzju.

Illi b'hekk meħud in konsiderazzjoni il-fatt li l-appellant kien ilu snin jabbuża mid-droga u kien ilu numru ta' xhur mingħajr impieg iwassal lil din il-Qorti sabiex ma temminx il-verżjoni

mogħtija mill-appellant li huwa kellu xi flejjes imġemma u dana peress li l-vizzju tad-droga jħottok. Għalhekk jirriżulta li l-analiżi li wettqet l-Ewwel Qorti dwar il-provenjenza tal-flejjes hija waħda korretta.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' spjegazzjoni minn naħa tal-appellant ta' fejn il-Prosekuzzjoni naqset milli tilħaq il-grad ta' prova rikjest mill-kamp kriminali, jsegwi li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-istqarrija rilaxxata minnu ma hijiex prova ammissibbli minħabba li meta rrilaxxa tali stqarrija huwa ma kellux assistenza ta' avukat. Minbarra dan jilmenta li ma ngħatax il-*full disclosure* rikjest mil-liġi u għalhekk jitlob li l-istqarrija għandha tiġi sfilzata. In vista ta' dan, l-appellant jitlob ukoll li għandhom jiġu sfilzati wkoll dawk il-partijiet tax-xiehda ta' kull min xehed u jagħmlu riferenza jew li joħorġu mill-istqarrija rilaxxata.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tirreferi għat-traskrizzjoni tax-xiehda mogħtija mill-appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2012, fejn hemm imniżżel hekk (*a fol.* 70):

> "Xhud: Jien li nista' ngħid, oġġett wieħed. Hemm l-i*statement* iffirmat kollox. Dak li għidt nerġa ngħidu u mija fil-mija, dik id-*dope* kienet għalija. Ma nista ngħid xejn iktar minn hekk għax m'hemmx iktar kliem x'tispjega."

Illi filwaqt li huwa minnu li meta l-appellant allura imputat irrilaxxa l-istqarrija tiegħu (Dok. "NL 1" – *a fol.* 18 *et seq.*) li ma kienx għadu jeżistu d-dritt għal assistenza legali, pero' fl-istess waqt jirriżulta li l-appellant allura imputat għażel minn jeddu li jagħti d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti meta kien

debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu. Din il-Qorti qajla tista' tifhem kif fi stadju ta' appell, f'daqqa waħda l-appellant jitlob l-isfilz tal-istqarrija rilaxxata minnu! Apparti minn dan għandu jingħad ukoll li jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li l-appellant allura imputat xehed quddiemha meta waslet sabiex issib ħtija fih fir-rigward ta' dak li huwa ġie akkużat bih quddiemha. In fatti din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ma waslitx għal konklużjoni tagħha abbażi ta' dak li ngħad mill-appellant fl-istqarrija tiegħu. Tenut kont ta' dan kollu, l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Prosekuzzjoni straħet biss fuq numru żgħir ta' xhieda lkoll Pulizija u dana sabiex tipprova l-każ tagħha. Ikompli li d-droga in kwistjoni lanqas biss ġiet eżebita fl-atti proċesswali u li għalhekk lanqas saret analiżi tagħha. Jgħid li konsegwentement lanqas inġabet prova tal-piż jew inkella tal-purita' tal-istess sustanza għad-droga eroina jew jekk is-sustanza li kien hemm fil-qratas kinitx eroina. Jisħaq li minkejja huwa minnu li huwa ammetta li kien fil-pussess tad-droga eroina, huwa dejjem sostna li din kienet għal użu personali. Jgħid li minħabba li ma ġiex ippruvat li l-qratas kienu ta' sustanza illegali u lanqas ġie stabbilit l-ammont in kwistjoni b'hekk ma ġiex ippruvat li hu kien ser jittraffika d-droga.

Illi rigward dan l-aggravju u b'mod partikolari dwar il-punt fejn l-appellant jilmenta li lanqas saret analiżi tal-purita' tad-droga, il-piż jew il-fatt jekk kinitx eroina, din il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad minnha aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn l-appellant ikkonferma speċifikatament li l-eroina kienet għalih. Għalhekk prova li l-appellant kien fil-pussess tad-droga eroina hemm u hija inkonfutabbli. Rigward l-ammont, l-appellant isemmi fl-istqarrija tiegħu li huwa kien xtara żewġ grammi.

Illi apparti dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal dak li ngħad minnha fir-rigward tal-ewwel aggravju u tapplikah għal dan l-aggravju. Tenut kont li din

il-Qorti ma emmnitx il-verżjoni mogħtija mill-appellant dwar il-flus li nstabu fir-residenza tiegħu jsegwi li loġikament il-flus in kwistjoni kienu riżultat ta' traffikar ta' droga. Għaldaqstant, anke t-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jargumenta li minkejja li huwa ammetta li kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina għal użu personali huwa qatt ma ndika li d-disa' qratas misjuba fid-dar tiegħu kienu effettivament tiegħu. Jispjega li dak iż-żmien fid-dar tiegħu kienet tidħol ċerta Fiona Pace u li l-Pulizija ħallew lil ċertu Giża jidħol fid-dar tiegħu. Għalhekk jgħid li tal-inqas il-Prosekuzzjoni kien messha talbet il-ħatra ta' espert sabiex jagħmel analiżi tal-impronti diġitali fuq il-boroż tal-qratas. Ikompli li lanqas ma saret analiżi tad-DNA sabiex jiġi ppruvat li dawn il-qratas verament kienu fuq il-persuna tiegħu u li verament id-droga kollha misjuba kienu tiegħu. Jgħid li l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni tagħha minħabba li l-Pulizija xehdu li fil-mument tal-arrest marru tliet persuni fid-dar tiegħu allura dan kien indikattiv li hu kien jittraffika d-droga. Jargumenta li minħabba li dawn il-persuni ma tressqux jixhdu ma jistax wieħed jasal għal konklużjoni li huma marru d-dar tiegħu sabiex jixtru d-droga. Rigward dak li qalet l-eks Spettur Lanzon dwar il-fatt li bagħtet lill-Pulizija jfittxu fid-dar tiegħu minħabba li persuna li nqabdet bid-droga indikat li kienet xtrat tali droga minn għandu, l-appellant jgħid li din il-persuna la tressqet tixhed u lanqas tressqet xi stqarrija li setgħet ittieħed minnha.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tirreferi għal dak li xehdet l-iSpettur Lanzon meta waqt id-depożizzjoni tagħha (*a fol.* 87) qalet li l-appellant ma ġiex mixli abbażi ta' dak li qaltilhom it-terza persuna iżda abbażi ta' dak li sabu fir-residenza tal-appellant.

Illi rigward il-fatt li ma ttieħdux impronti diġitali u lanqas it-test tad-DNA, din il-Qorti kellha l-opportunita' tirrimarka f'sentenzi oħra li jekk il-Prosekuzzjoni tkun tal-fehma li rnexxielha tipprova

l-każ tagħha, hija ma għandhiex l-obbligu li tibqa' tressaq provi oħra. Ikun jinkombi fuq il-Qorti li tara li l-provi mressqa jwasslu għal konvinċiment lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-persuna mixlija jkun ħati. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:
>
>> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil

> Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi rigward il-fatt li ġie msemmi li kienu marru jħabbtu għand l-appellant xi nies magħrufa mal-Pulizija proprju meta kienet qed issir it-tfittxija huwa bla piz għal din il-Qorti stante li dawn ma tressqux jixhdu. Iżda dak li huwa importanti fil-fehma ta' din il-Qorti huwa l-fatt li l-appellant ġie mgiddeb mill-eks tfajla tiegħu Fiona Pace dwar il-flus. Din il-Qorti tgħid dan fil-kuntest tal-fatt li l-appellant kien ilu snin jabbuża mid-droga u għalhekk tifhem li ftit li xejn seta' kellu flus imġemma.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jsegwi li anke dan l-aggravju jistħoqq li jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-<u>ħames aggravju</u> l-appellant jisħaq li fuq il-persuna tiegħu ma nstab l-ebda oġġett u ma nstab xejn li jindika li hu kien involut fit-traffikar tad-droga. Jgħid li ma nstabitx droga fuqu u anqas miżien u li huwa ta spjegazzjoni dettaljata tal-ftit flus li nstabu. Ikompli li huwa kien wera li kellu *notebook* dwar in-negozju tal-vetturi li kien jagħmel u jispiċċa billi jgħid li lanqas fuq il-*mobile* tiegħu ma nstabu xi messaġġi li jindikaw li kien qed isir xi traffikar ta' droga.

Illi rigward dan l-aggravju, din il-Qorti tibda billi tinnota li fir-residenza tal-appellant instabu l-aktar żewġ affarijiet importanti għat-traffikar ta' droga: ossia l-flus u d-droga. Rigward il-*mobile*, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 191):

> "Irid jingħad ukoll illi li l-Qorti lanqas ma temmen lill-imputat meta jgħid illi huwa kisser il-*mobile phone* billi xeħtu mal-art għaliex kien irrabjat illi l-Uffiċjali tal-Pulizija qabdu u daħlu fir-residenza tiegħu."

Illi din il-Qorti hija tal-istess fehma tal-Ewwel Qorti u tgħid li dak li pprova jagħmel l-appellant kien li jkisser l-evidenza. Din il-Qorti bl-ebda mod ma temmen li l-azzjoni tal-appellant kienet riżultat ta' azzjoni ta' rabja.

Illi rigward in-negozju tal-vetturi u rigward il-fatt li l-appellant jgħid li kien wera li kellu *notebook* dwar in-negozju tagħhom, dan ma jbiddel xejn fl-għarbiel tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u dana b'mod speċjali minħabba dak li ngħad f'din is-sentenza.

Illi b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tal-appellant allura imputat bil-konsegwenza li anke l-aggravju in eżami ser jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sitt aggravju l-appellant jisħaq li t-trapass taż-żmien minn meta sar ir-reat kif ukoll is-sitwazzjoni preżenti tiegħu kellhom jingħataw aktar attenzjoni u piż mill-Ewwel Qorti meta ddeċidiet il-piena. Jgħid li dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jwasslu għal temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 228 *et seq.*), liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija (*a fol.* 233 *et seq.*) u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu b'suċċess (*a fol.* 278, 279 u

284). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-aggravju in eżami.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura ta' dak li l-appellant ġie mixli bih quddiem l-Ewwel Qorti u li ġie ppruvat;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant;

- il-fatt li l-imputazzjoni addebitat fil-konfront tal-appellant tirrisali għas-sena 2006 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem din il-Qorti minn Dr. Moses Camilleri (*a fol.* 254 *et seq.*), Ashley Cumbo in rappreżentanza tal-Aġenzija Sedqa (*a fol.* 258 *et seq.*) u minn Dr. Roberta Holland (*a fol.* 237 *et seq.*) u mir-rapport (Dok. "RH 1" – *a fol.* 243 *et seq.*) redatt minnha;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant fejn huwa għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-*proviso* ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi dwar il-multa ta' disa' mitt Euro (€900) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Brian Caruana u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu (iżda limitatament għas-26 ta' Jannar 2006 u mhux għall-ħames snin ta' qabel din id-data);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' disa' mitt Euro (€900);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reat li l-appellant instab ħati tiegħu f'dawn il-proċeduri ma għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

Finalment, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lil:

- Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiġi inserita fl-atti tal-kawża pendenti quddiemha bin-numru 5267/24 AMT;

- Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex tiġi inserita fl-atti tal-kawża pendenti quddiemha bin-numru 19/2021/2 CSH.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**